

## Domandi preliminari

- (1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 854/2004<sup>(1)</sup> jagħtu lill-awtorità kompetenti s-setgħa diskrezzjonali li tiddefinixxi l-mument li fih isir il-qtil tal-bhejjem, bil-ħsieb li jinħatar veterinarju ufficjalji għall-finijiet ta' sorveljanza tal-qtil, jew din l-awtorità hija obbligata taħtar tali veterinarju fil-ħin u l-ġurnata tal-qtil definiti mill-biċċier?
  
- (2) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 854/2004 jagħtu lill-awtorità kompetenti s-setgħa diskrezzjonali li tirrifjuta li taħtar veterinarju ufficjalji għall-finijiet ta' sorveljanza veterinarja meta din tiġi informata b'operazzjoni ta' qtil ta' bhejjem f'biċċerija debitament approvata, f'ħin u ġurnata definiti minn qabel?

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli speċifċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli ufficjalji fuq prodotti li jorġiniw mill-animali maħsuba għall-konsum uman (ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolo 3, Vol. 45, p. 75).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Ireland (l-Irlanda) fis-16 ta' Lulju 2013 — Lisa Kelly vs Minister for Social Protection**

**(Kawża C-403/13)**

(2013/C 274/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Qorti tar-rinvju

High Court of Ireland.

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lisa Kelly

Konvenut: Minister for Social Protection

## Domandi preliminari

- (1) Meta persuna impiegata residenti fi Stat Membru A, li eżer-ċitat attivită bħala persuna impiegata suġġetta għall-assigurazzjoni f'dan l-Istat matul kważi tliet snin, għamlet l-aħħar sitt xhur ta' attivită bħala persuna impiegata suġġetta għall-assigurazzjoni fi Stat Membru B, it-talba sussegwenti għal beneficiċċi soċċiali minħabba li din il-persuna mardet għandha tiġi rregolata (i) mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru B għall-

finijiet tal-Artikolu 11(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004<sup>(1)</sup>? jew (ii) mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru A, fejn hija tirresjedi għall-finijiet tal-Artikolu 11(3)(e)?

- (2) Jekk jitqies li l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru B tirregola t-talba, il-fatt li l-persuna inkwistjoni ma tista' tibbenefika minn ebda beneficiċju soċċiali, filwaqt li s-sitwazzjoni tkun differenti li kieku l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn tirresjedi (Stat Membru A) tiġi applikata għat-talba, huwa rilevanti fl-evalwazzjoni tal-ewwel domanda?

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċċiali (ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 5, p. 72).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court of the United Kingdom (ir-Renju Unit) fis-16 ta' Lulju 2013 — R fuq talba ta' ClientEarth vs Secretary of State for the Environment, Food and Rural Affairs**

**(Kawża C-404/13)**

(2013/C 274/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Qorti tar-rinvju

Supreme Court of the United Kingdom

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: ClientEarth

Konvenuta: Secretary of State for the Environment, Food and Rural Affairs

## Domandi preliminari

- (1) Meta, fir-rigward tad-Direttiva 2008/50/KE<sup>(1)</sup> dwar il-kwalità tal-arja (iktar il-quddiem id-“Direttiva”), f'żona jew agglomerazzjoni partikolari, il-valuri ta' limitu ffissati għad-dijossidu tan-nitrogħu ma jkunux inkisbu sal-1 ta' Jannar 2010, data prevista fl-Anness XI tad-Direttiva, Stat Membru huwa obbligat, bis-saħħa tad-Direttiva u/jew tal-Artikolu 4 TUE, li jitlob għal posponiment tat-terminu skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva?
  
- (2) Fil-każ ta' risposta affermattiva, fliema ċirkustanzi (jekk ikun il-każ) Stat Membru jista' jiġi eżentat minn dan l-obbligu?